**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEGISLATURA 2008 - 2013

**SEDUTA NUMRU 52**

L-ERBGĦA 23 TA' JANNAR 2013 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREZENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VICI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

# I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

i Is- Sindku A. Vassallo pproponiet li l-Minuti tas-seduti nru. 48, 49,50,51 jiġu approvati. Il-Viċi Sindku A. Farrugia u l-Kunsillier F. Roe issekondaw. Dawn ġew approvat nem con mill-Kunsill.

ii Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

# II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku rreferiet għall-kuntratt mal-Green MT dwar il-ġbir ta' skart għar-riċiklaġġ. Hija pproponiet li dan jerġa' jiġi mġedded peress li skada fl-1 ta' Settembru 2012.Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u kien hemm qbil unanimu li dan an jiġi mġedded eżatt kif kien.

ii Is-Sindku nfurmat li kuntratti ta' l-ELC għas-servizzi ta' manutenzzjoni ta' soft areas kif ukoll ta' Twish Co. Ltd għas-servizz tal-knis u qtugħ tal-ħaxix waslu biex jiskadu. Hija pproponiet li minħabba li wasalna fi tmiem il-Leġislatura,dawn jiġu mġedda għal tliet xhur biex dan il-Kunsill ma jorbotx lill-Kunsill il-ġdid. Il-Kunsillier F. Roe issekonda din il-proposta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

iii Is-Sindku nfurmat li t-talba lit-Transport Malta sabiex ir-residenti ta' Triq Onorato Bres jkunu jistgħu jipparkjaw il-vettura tagħhom fuq il-bankina , ma ġietx approvata mit-Transport Malta.

iv Is-Sindku pproponiet il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita', għandha ssir nhar l-Erbgħa 6 ta' Frar 2013 fis-7.15pm. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
A/ Segretarju Eżekuttiv

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU – ikompli

v Is-Sindku ppreżentant żewġ applikazzjonijiet tal-MEPA.

- Applikazzjoni minnhom hija biex boathouse li hemm fi Triq ix-Xatt tiġi trasferita f' ħanut. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill unanimanet qabel li joġġezzjona għal din it-talba peress li dejjem hekk sar f' każijiet simili. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li ssir l-ittra ta' oġezzjoni.

- L-Applikazzjoni l-oħra hija biex l-agenzija MIB Malta Ltd. Tagħmel xi olterazzjonijiet fil-faċċata tal-bini tagħha fi Triq Abate Rigord. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni dwar dan.

vi Is-Sindku ppreżentant il-Minuti tal-Kumitat ta' l-Aġġudikazzjoni numru 1/2012 li ġew iċċirkulati minn qabel lill-Kunsillieri. Hija pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier A.Cachia Castelletti ssekonda u dawn ġew approvati unanimament.

vii Il-Kunsill ġie nfurmat b'email li rċieva minngħand The Rug Company li tinsab fi Triq ix-Xatt. Dawn qegħdin jitolbu l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jkunu jistgħu jagħmlu bord b'reklam fuq il-bankina ta' quddiem l-ħanut tagħhom meta l-ħanut jkun miftuħ biss. Il-qis ta' dan il-bord huwa ta' 60cm.
Wara li l-Kunsill iddiskuta din il-materja, il-Kunsill qabel fil-prinċipju ma' din it-talba diment li l-kumpanija ssegwi w tħallas it-tariffi skond il-Bye- Law li għandu l-Kunsill dwar l-Għamara tat-toroq, meta din tiġi mplimentata.

## III APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI

i Il-Pagamenti kollha li kienu mniżżlin fl-iskeda ġew approvati. Ġie approvat ukoll il-Petty Cash ta' Diċembru 2012.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 12 ta' Frar 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | A/ Segretarju Eżekuttiv |